# FRIENDS OF THE SICK AND THE ELDERLY IN GOZO
## *ĦBIEB TAL MORDA U TAL-ANZJANI F'GĦAWDEX*

Għaqda Voluntarja Reġistrata: **VO/0066**

# STATUT

***ISEM:***

1. L-isem tas-Soċjeta (Għaqda) huwa:

***"FRIENDS OF THE SICK AND THE ELDERLY IN GOZO***
***"ĦBIEB TAL-MORDA U TAL-ANZJANI F'GĦAWDEX"***

***PRELIMINARI***

2. F'dawn ir Regoli:-
   (a) L-espressjonijiet 'is-Soċjeta' 'Hbieb' u 'Friends' ifissru l-Assoċjazzjoni (l-Għaqda) ikkostitwita b'dawn ir-Regoli;
   (b) L-espressjoni 'il-Kumitat' ifisser il-kumitat bħalissa tal- Assoċjażżjoni kif kostitwit hawnhekk;
   (c) L-espressjoni 'ir-Regoli' tinkludi kwalunkwe amenda jew alterazzjoni jew żieda jew tneħħija taħhom li tkun tgħodd għal dak Iż-żmien;
   (d) L-espressjoni 'Iċ-Chairman' jew 'is-Segretarju' tfisser Iċ- Chairman jew is-Segretarju validu fil-Kumitat tal-mument;
   (e) L-espressjonijiet 'l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex' jew 'l-Isptar' jinkludu l-Isptar tal-Moħħ li, fiż-żmien li din is-Soċjeta tnediet, kien jinsab fix-Xewkija;
   (f) L-espressjoni 'pazjent' tinkludi persuni li huma morda, konvalexxenti, inkapaċi, ħandikappati, bi problemi fiżiċi jew anzjani attwalment reżidenti fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex kif imfisser fil-pargrafu (e) hawn fuq jew li jgħixu x'imkien ieħor fil-Gżira ta' Għawdex.

***OĠĠETTIVI / GĦANIJIET***

3. (1) Biex isserraħ u t' assisti l-pazjenti;
   (2) Biex tgħin ħalli jitranġaw u jiżdiedu il-faċilitajiet fl-Isptarijiet u d-djar għas-sigurta, benesseri, kumdita u konvenjenza tal-pazjenti.

***METODI***

4. Biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija jintużaw dawn il-metodi jew linji:
   (1) Edukazzjoni tal-pubbliku rigward il-bżonnijiet tal-pazjenti; mobiliżżazzjoni, enkoraġġiment, tħajjir u manteniment ta' l-interess u ssupport tal-pubbliku lejn l-Isptar;

(2) Trawwim ta' koperazzjoni u kumnikazzjoni bejn din is-Soċjeta u istituzjonijiet oħra mal-Isptar u mal-Awtoritajiet tas-Saħħa;

(3) Tpartit ta'informazzjoni u pariri f'materji li jaffetwaw l-interess tal-pazjenti u tal-Isptar;

(4) Promozzjoni ta' edukazjoni kontinwata tal-istaff tal-Isptar bil-provediment ta' pubblikazzjonijiet, metodi awdjo-viżwali u għajnuniet edukattivi oħra;

(5) Organiżżazzjoni ta' konferenzi, laqgħat, lezzjonijiet, diskussjonijiet u eżibizzjonijiet;

(6) Reklutaġġ u organiżżar ta' ħaddiema voluntieri fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u għall-pazjenti fi djarhom;

(7) Talb u aċċettar ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji minn kwalunkwe persuna, grupp jew organiżżazzjoni bħala miżata, donazzjoni jew xi forma oħra;

(8) Aċċettar ta' rigali jew ta' propjeta, soġġeti jew le għal xi *trust* speċjali, għall-għanijiet tas-Soċjeta;

(9) Supplementar tas-servizz provdut mid-Dipartiment tas-Saħħa għas-saħħa, sigurta, benesseri, kumdita u konvenjenza tal-pazjenti fl-Isptar jew fi djarhom b'għotjiet ta' faċilitajiet, tagħmir u proviżjon li jista' jkun meħtieġ għat-trattament ta' dawn il-pazjienti, jew, biex l-Isptar jitmexxa b'aktar effiċjenza;

(10) Għotjiet, jew assistenza fil-proviżjon ta' amenitajiet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għall-pazjenti u għall-istaff bil-għan li jgħollu l-*morale* u jtejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

(11) Serħan għal pazjenti li jinsabu weħidhom jew fil-bżonn b'viżti, support morali, għajnuna fiżika u, meta jkun meħtieġ u possibbli, assistenza finanzjarja;

(12) Aċċettar u eżekuzzjoni ta' kwalunkwe *Charitable Trust*; u

(13) Jintagħmel kull ma hu neċessarju u possibbli biex jintlaħqu l-Oġġettivi / Għanijiet imsemmija hawn fuq.

### *MEMBRI / IMSIEĦBA*

5. (1) Persuni li jimxu ma dawn ir-Regoli u perrsuni oħra li l-Kumitat idaħħal bħala msieħba ikunu Membri tas-Soċjeta.

(2) Peress li is-Soċjeta ġiet kostitwita billi inkorporat b' amalgamazzjoni l-organiżżazzjonijiet voluntarji 'Il-Hbieb ta' Chambrai' u 'The Friends of the Elderly, Craig Hospital', membri kurrenti ta' dawn l-organiżżazzjonijiet ikunu membri ta' din is-Soċjeta u għandhom jimxu skond ir-Regoli tagħha.

### *MIŻATI*

6. (1) Ikun hemm *Miżata Annwali* ta' €5.00

(2) Il-miżata għal *Tul il-Ħajja* tkun ta' €50.00

### *KUMITAT U UFFIĊJALI*

7. (1) Ikun hemm Kumitat, u x-xogħol tal-Ħbieb jiġi eżegwit u mmaniġġjat mill-Kumitat li jeżerċita dawk il-poteri tal-Ħbieb u

jagħmel, f'ishem il-Ħbieb, dak kollu li jistgħu jeżerċitaw jew jagħmlu l-Ħbieb u li mhumiex obbligati b'dawn ir-Regoli li għandhom isiru mill-Ħbieb f'Laqgħa Ġenerali.

(2) Il-Kumitat jiġi elett minn Laqgħa Ġenerali u jkollu President u mhux inqas minn ħamsa (5) u mhux aktar minn għoxrin (20) persuni oħra. Ħadd ma jista' jkun membru tal-Kunsill jekk ma jkunx Membru tal-Ħbieb.

(3) Terz, jew l-eqreb numru għal terz, tal-membri kurrenti tal-Kumitat għandhom jirtiraw minn uffiċjali mal-għeluq tat-tieni Laqgħa Ġenerali Annwali, u wara, f'kull Laqgħa Ġenerali Annwali.

(4) Il-membri tal-Kumitat li huma meħtieġa jirtiraw kull sena għandhom ikunu dawk li jkun ilhom l-aktar li daħlu fil-Kumitat; fil- każ ta' dawk il-membri li jkunu daħlu fil-Kumitat fl-istess jum jgħażlu bejniethom minn għandu jirriżenja, jew itellgħu l-ismijiet bil-polza. Dawk il-membri li jirtiraw jibqgħu eliġibbli biex jerġgħu ikunu eletti.

(5) Il-Kumitat għandu japponta President, Segretarju u Teżorier, normalment għal perijodu ta' tlett (3) snin bil-possibilta li dawn jistgħu jerġgħu jiġu eletti għal perijodu ieħor jew jinbidlu minn żmien għal żmien kif ikun meħtieġ..

(6) Il-President jippresjiedi l-laqgħat kollha tal-Kumitat; fl-assenza tal-President, il-Kumitat jista' jaħtar, b'vot ta' maġġoranza sempliċi, '*ad hoc*' *Chairperson* temporanju minn fosthom għal dik il-laqgħa partikulari.

(7) Il-Kumitat jista' jdaħħal kwalunkwe membru tal-Ħbieb bħala membru fil-Kumitat biex jimla vakanza jew biex iservi xi bżonn speċjali, u dan il-membru addizzjonali jista' jżomm il-kariga sat-tmiem tal-Laqgħa Ġenerali Annwali li jkun imiss.

(8) Il-Kumitat għandu s-setgħa li jaħtar Uffiċjali Onorarji min fost membri irtirati jew li ser jirtiraw b'rikonoxximent għal servizz twil u impenn qawwi. Ir-rwol ta' Uffiċjal Onorarju huwa ta' konsulenza mingħajr dritt għal vot fil-laqgħat tal-Kumitat, iżda jkollu vot fil-Laqgħat Ġenerali bħala membru permanenti. Uffiċjail Onorarji jitgħu jservu ta' ambaxxaturi tal-Għaqda. Ma jistgħax ikun hemm aktar minn żewġ (2) Uffiċjali Onorarji fl-istess ħin.

(9) Il-Kumitat jista' jiltaqgħa għal xi xogħol, jaġġorna u jirregola il-laqgħat kif jidrilhom il-membri. Kwestjonijiet li jinqalgħu f'xi laqgħa jkunu deċiżi b'maġġoranza tal-voti. Fil-każ li l-voti minn żewġ naħat ikunu ndaqs, il-President jew *Chairperson* ikollu, u jista' juża, vot ieħor ('*Casting Vote*'). Kull membru jista', u s-Segretarju b'rikjesta ta' membru/i għandu, isejjaħ laqgħa tal-

Kumitat. Mill-anqas għandħom isiru erba' (4) laqgħat f'kull sena kalendarja.

(10) Il-q*uorum* necessarju għax-xogħol tal-Kumitat jista' jiġi ffissat, minn żmien għal żmien, mill-Kumitat stess u, sakemm ma jkunx hekk iffissat, għandu jkun sitta (6).

(11) Kull membru tal-Kumitat li, mingħajr raġuni valida, jagħżel li ma jattendix laqgħat tal Kumitat għal tlett (3) darbiet konsekuttivi jew ikun nieqes minn ħames (5) laqgħat f'sena jiġi awtomatikament kkunsudrat li kien irriżenja mill-Kumitat. Is-Segretarju għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Kumitat rigward riżenja awtomatika simili meta jinqala l-każ.

(12) Il-membri li jkomplu fil-Kumitat jistgħu jaġixxu minkejja xi nuqqas jew vakanza fil-grupp, Iżda jekk u sakemm in-numru tagħhom jinżel inqas minn sitta (6) il-membri li jibqgħu jistgħu jaħdmu biss bit-tir li jżidu n-numru tal membri tal-Kumitat jew biex isejjħu Laqgħa Ġenerali, u mhux għal xi skop ieħor.

(13) Il- Kumitat jista', kif u meta jidħirlu, jiddelega xi poteri lil Sottokumitati magħmula minn membri tal-Kumitat stess. Kull azzjoni ta' dawn is-Sottokumitati għandha tkun rapportata lill-Kumitat u kkonfermata minnhu mill-aktar fis possibbli; u kull Sottokumitat hekk iffurmat huwa meħtieġ li jeżer'ita il-poteri delegati lilhu skond ir-regoli imposti fuqu mill-Kumitat.

(14) Kull Sottokumitat jista' jeleġġi *chairperson* għall-laqgħat tiegħu u provedimenti ta' Sotto-Regola (j) ta' din ir-Regola (ħlief fir-rigward tan-numru tal-laqgħat) inklusivi japplikaw *mutatis mutandis* għal kull Sottokumitat.

(15) L-azzjonijiet kollha magħmula minn kul laqgħa tal-Kumitat jew ta' kwalunkwe Sottokumitat jew minn kwalunkwe persuna li taġixxi bħala membru tal-Kumitat jew ta' xi Sottokumitat, minkejja li wara jirriżulta li kien hemm xi difett fil-ħatra ta' xi persuna, ikunu kkonsidrati validi daqs li kieku il-persuna involuta kienet appuntata kif suppost.

## *LAQGĦAT ĠENERALI*

8. (1) Laqgħa Ġenerali Annwali tal Ħbieb trid issir kull sena u f'data li ma tkunx aktar tard minn ħmistax (15) il-xahar wara' l-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' qabel. Iċ-*Chairperson* tal-Laqgħa ikun il-President jew, fl-assenza tiegħu, Membru tal-Kumitat li jkun preżenti ikun elett *Chairperson* '*ad hoc*' ta' dik il-laqgħa.

(2) Il-Kumitat jista' kull ħin isejjaħ Laqgħa Ġeneral Straordinarja u huwa meħtieġ li jagħmel dan jekk ikun mitlub bil-miktub minn mhux inqas minn għaxar (10) membri tal-Ħbieb.

(3) Is-Segretarju għandu jibgħat javża bil-miktub lill-membri kollha ntitolati li jir'ievu avviżi tal-laqgħat sebat ijiem (7) qabel kull Laqgħa Ġenerali li se jkun hemm il-laqgħa u huwa meħtieġ li jsemmi l-iskop tagħha.

(4) F'Laqgħa Ġenerali kull membru għand vot wieħed. Il-
votazzjoni tkun normalment bil-wiri tal-idejn biss sakemm ma jkunx hemm talba għal sistema oħra minn mhux anqas minn għaxar membri preżenti.

(5) Id-direzzjoni tal-President jew *Chairperson* rigward il-metodu tal-votazzjoni, id-dikjarazzjoni li huwa jagħmel tar-riżultat ta' xi votazzjoni u d-deċiżjoni tiegħu fuq xi kwestjoni ta' proċedura jew xi *point of order* f'Laqgħa Ġenerali għandha tkun ikkunsidrata finali. Fil-każ li l-voti għal u kontra jkunu ndaqs, Il-President / *Cahirperson* ikollu vot ieħor (*Casting Vote*).

(6) Ebda vot ma jista' jkun mixħud bil-*proxy.*

(7) Ebda xogħol ma jista' jsir f'xi Laqgħa Ġenerali jekk ma jkunx hemm *quorum* ta' membri presenti fil-ħin li l-Laqgħa tasal għax-xogħol tagħha. Il-*quorum* ikun ta' għaxar (10) membri personalment preżenti. Jekk fi żmien nofs siegħa mill-ħin appuntat għal bidu tal-laqgħa ma jkunx hemm *quorum* il-laqgħa, fil-każ li kienet konvenuta b'talba tal-membri, tiġI xolta; f'kull każ ieħor il-laqgħa tiġi aġġornata għall-istess jum ġimgħa wara' fl-istess ħin u post (jekk I'-'irkustanzi jippermettu); fil-każ li fil-laqgħa aġġornata ma jkunx hemm *quorum* fi żmien nofs siegħa mill-ħin appuntat għall-laqgħa, il-membri preżenti ikunu il-*quorum* għal dik il-laqgħa.

## *FINANZI*

9. Rapport Finanzjarju awditjat u rapport tal-attivitajiet li jkunu saru ikunu ippreparati kull sena u mqiegħdin quddiem il--Ħbieb f''Laqgħa Ġenerali.

## *KANĊELLAMENT TA' SĦUBIJA*

10. Jekk il-miżata annwali ta' xi membru jew msieħba ma titħallasx fi żmien ħdax (11) il-xahar, dak il-membru jew msieħba j/tkun ikkunsidrat/a li r-riżenja/t mill-Assoċjazzjoni.

***AVVIŻI***

11. Avviżi tal-laqgħat tal-Kumitat jistgħu jsiru b'ittra, *b'e-mail,* b'telefonata jew bil-kelma personali. Avviżi tal-Laqgħat Ġenerali għandhom ikunu mibgħuta bil-posta u/jew permezz tal-medja lokali.

***PROPJETA***

12. (1) Il-flejjes u l-propjeta tal-Ħbieb li ma tkunx meħtieġa mmedjatament għall-għanijiet tal-Asso'jazzjoni jistgħu jinżammu minn, jew f'isem, persuni li l-Kumitat jiddetermina minn żmien għal żmien, u l-Kumitat jista' jappunta żewġ jew aktar persuni, membri jew le tal-Ħbieb, biex iżommu dawn il-flejjes jew propjeta għannom tal-Ħbieb.

(2) Is-Soċjeta tista' <u>żżomm</u> tlett (3) Kontijiet Bankarji: Kont Kurrenti, Kont tat-Tfaddil (*Savings*) u Kont tad-Depożitu, u jista' jinvesti b'sigurta skond parir professjonali biex jiġġenera fondi għall-għanijiet tal-Għaqda .

(3) Ċekkijiet f'isem il-Ħbieb ikunu ffirmati minn żewġ persuni, normalment il-President u t-Teżorier u, fl-assenza ta' xi wieħed jew it-tnejn li huma, minn persuni magħżula u hwkk nkarigati mill-Kumitat

(4) Il- Kumitat għandu l-poter li jordna, minn żmien għal żmien, it-trasferiment ta' fondi bejn il-kontijiet skond il-ħtieġa tal-mument biex tkun tista' teżegwixxi x-xogħol statutorju tagħha bl-aħjar mod.

***RIMUNERAZZONI jew ĦLAS***

13. L-Uffiċjali kollha ikunu biss onorarji u ma jitħallsux għas-servizzi tagħhom fil-Kumitat. Il-Kumitat jista' jaħtar u jista' jħallas awdituri kif ikun xieraq.

***TIBDIL TA' OĠĠETTIVI, REGOLI, KOSTITUZZJONI***

14. Il-Ħbieb jistgħu, b'maġġoranza ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri preżenti f'Laqgħa Ġenerali Annwali jew f'Laqgħa Ġenerali Straordinarja, jibdlu, iżidu jew ineħħu l-oġġettivi kollha (jew x'uħud minnhom) tal-Ħbieb u jbiddlu ir-Regoli u l-Kostituzzjoni, basta avviż tal-intenzjoni tal-bidla, żieda jew tneħħija proposta u d-dettalji tagħha jinagħta lill-kull membru kif meħtieġ skond ir-Regola 8(3) ta' dan l-Istatut, u basta wkoll li ebda bidla ma ssir li tawtorizza l-użu tal-propjeta tal-Ħbieb għal skopijiet li ma humiex karitatevoli.

***INFORMALITAJIET***

15. L-ebda azzjoni jew deċiżjoni tal-Kumitat jew ta' kwalunkwe laqgħa tal-Ħbieb ma tkun invalidata għal xi raġuni ta' informalita jew traskuraġni f'xi servizz ta' avviżi

jew f'xi materja/i ta' proċedura, ħlief meta, fl-opinjoni tal-Kumitat, dik l-informalita jew traskuraġni tkun wasslet għal sitwazzjoni inġusta.

***PROVVEDIMENTI GĦAL XOLJIMENT***

16. Jekk u metal-Assoċjazzjoni (L-Għaqda) tiġi xolta u tintemm, l-assi żejda (jekk ikun il-każ) tal-Ħbieb wara li jitħallsu d-djun kollha ma jinagħtawx u ma jitqassmux lill-membri tal-Ħbieb iżda jinagħtaw jew jiġu ttrasferiti lil istituzzjonijiet tal-karita kif jiddeterminaw il-Ħbieb f'Laqgħa Ġenerali qabel jew fil-ħin tat-tmiem.

Statut aġġornat fid-19 ta' Frar 2016

---

***LOGO***

***Disinn ta' Pawlu Camilleri Cauchi – 1989***

Ħbieb tal-Morda u tal-Anzjani f'Għawdex hija għaqda rreġistrata mal-Kumissarju tal-Organiżazzjonijiet Voluntarji ta' Malta bin-numru: **VO/0066**

http://www.fsegozo.org
admin@fsegozo.org

Updated 19/02/2016